

Domandi preliminari

- 1) Il-kummerċjalizzazzjoni ta' lentijiet tal-kuntatt tikkostitwixxi parir mediku li jeħtieġ eżami fiżiku tal-pazjent, b'mod li ma taqax taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2000/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2000 dwar ċerti aspetti legali tas-servizzi minn soċjetà tal-informazzjoni, partikolarment il-kummerċ elettroniku, fis-Suq Intern ⁽¹⁾?
- 2) Jekk il-kummerċjalizzazzjoni ta' lentijiet tal-kuntatt ma tikkostitwixxi parir mediku li jeħtieġ eżami fiżiku tal-pazjent, l-Artikolu 30 tat-Trattat KE għandu jiġi interpretat fis-sens li d-dispożizzjonijiet ta' Stat Membru li jipprevedu li l-lentijiet tal-kuntatt jistgħu jinbiegħu fi ħwienet speċjalizzati fl-apparat mediku biss, imorru kontrih?
- 3) Il-leġiżlazzjoni Ungeriża li tawtorizza l-kummerċjalizzazzjoni ta' lentijiet tal-kuntatt fi ħwienet speċjalizzati fl-apparat mediku biss, tmur kontra l-prinċipju ta' moviment liberu tal-merkanzija previst fl-Artikolu 28 tat-Trattat KE?

⁽¹⁾ Direttiva 2000/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2000 dwar ċerti aspetti legali tas-servizzi minn soċjetà tal-informazzjoni, partikolarment il-kummerċ elettroniku, fis-Suq Intern ("Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku") (ĠU L 178, p. 1).

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Bundesarbeitsgericht (Il-Ġermanja) fit-23 ta' Marzu 2009 — Deutsche Lufthansa AG vs Gertraud Kumpan

(Kawża C-109/09)

(2009/C 141/44)

Lingwa tal-kawża: Il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Bundesarbeitsgericht

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Deutsche Lufthansa AG

Konvenuta: Gertraud Kumpan

Domandi preliminari

- 1) L-Artikoli 1, 2(1) u 6(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE, tas-27 ta' Novembru 2000, li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjeg u fix-xogħol ⁽¹⁾, għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu dispożizzjoni legali nazzjonali, li daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2001, li abbażi tagħha jistgħu jiġu konklużi kuntratti ta' xogħol għal żmien fiss mingħajr kundizzjonijiet oħra ma' ħaddiema sempliċement għaliex dawn laħqu l-età ta' 58 sena?
- 2) Il-punt 1 tal-klawżola 5 tal-ftehim qafas dwar xogħol għal żmien fiss konkluż mill-ETUC, mill-UNICE u mis-CEEP, implementat permezz tad-Direttiva tal-Kunsill 1999/70/KE,

tat-28 ta' Ġunju 1999 ⁽²⁾, għandu jiġi interpretat fis-sens li huwa jipprekludi dispożizzjoni legali nazzjonali li tawtorizza, mingħajr kundizzjonijiet oħra u mingħajr limitu ta' żmien, il-konklużjoni ta' numru illimitat ta' kuntratti ta' xogħol għal żmien fiss konsekuttivi fin-nuqqas ta' raġuni oġġettiva sempliċement għaliex, fil-mument li fih tibda r-relazzjoni kuntrattwali għal żmien fiss, il-ħaddiem ikun laħaq l-età ta' 58 sena u ma jkun hemm l-ebda rabta oġġettiva stretta ma' relazzjoni preċedenti ta' xogħol għal żmien indefinit mal-istess persuna li timpjega?

- 3) Fil-każ li l-ewwel żewġ domandi jingħataw risposta fl-affermattiv:

Il-qrati nazzjonali huma marbuta li ma japplikawx id-dispożizzjoni tad-dritt nazzjonali?

⁽¹⁾ ĠU L 303, p. 16.

⁽²⁾ ĠU L 175, p. 43.

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Okresní soud v Chebu (Ir-Repubblika Ċeka) fit-23 ta' Marzu 2009 — Česká podnikatelská pojišťovna, a.s., Vienna Insurance Group vs Michal Bilas

(Kawża C-111/09)

(2009/C 141/45)

Lingwa tal-kawża: Iċ-Ċek

Qorti tar-rinviju

Okresní soud v Chebu (Ir-Repubblika Ċeka)

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Česká podnikatelská pojišťovna, a.s., Vienna Insurance Group

Konvenut: Michal Bilas

Domandi preliminari

- 1) L-Artikolu 26 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 44/2001 tat-22 ta' Diċembru 2000 dwar ġurisdizzjoni u rikonossiment u eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali ⁽¹⁾ (iktar 'il quddiem ir-"Regolament") għandu jiġi interpretat fis-sens li dan ma jippermettix lill-qorti tistħarreġ il-ġurisdizzjoni internazzjonali tagħha fil-każ fejn il-konvenut jidher fil-proċeduri, anki meta l-kawża hija suġġetta għar-regoli ta' ġurisdizzjoni obbligatorja fis-sens tas-Sezzjoni 3 tar-Regolament u r-rikors ikun ġie ppreżentat bi ksur ta' dawn ir-regoli?
- 2) Il-konvenut jista', minħabba l-fatt li jidher fil-proċeduri, jistabbilixxi l-ġurisdizzjoni internazzjonali tal-qorti fis-sens tal-Artikolu 24 tar-Regolament anki meta l-proċeduri jkunu altrimenti suġġetti għar-regoli ta' ġurisdizzjoni obbligatorja fis-sens tas-Sezzjoni 3 tar-Regolament u r-rikors ikun ġie ppreżentat bi ksur ta' dawn ir-regoli?